# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-22 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 532/2022JPG**

**Kawza Numru : 14**

**CJ**

**Vs**

**MJ**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' CJ datat 7 t'Ottubru 2022, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewġu fi sitta ta' Mejju tas-sena elfejn u wieħed* (6/05/2001) *skond certifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok A*** *u minn dan iż-żwieġ kellhom zewgt itfal, li illum għandhom ħmistax u sbatax*-il sena;

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb fis-17 ta' Settembru 2014 (17/9/2014)* (***Ara Dok B anness***).

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut ghall-ulied f'dan l-istadju, stante illi*

*huwa dejjem ħallas il-manteniment lejn uliedu u ser jibqa jagħmel dan sakemm il- minuri jagħlqu l-eta' ta' tmintax (18)-il sena u ma jkunux qed jistudjaw fuq bazi full time. F'każ li l-imsemmija minuri jibqgħu jistudjaw fuq bazi full-time wara l-eta` ta' tmintax (18)-il sena, dan il-manteniment jibqa' dovut sal-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm il-minuri jibqgħu jistudjaw sa qabel l-età ta' tlieta u għoxrin (23) sena.*

*Illi m'hemmx kwistjoni ta' manteniment lill-intimata.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant umilment jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja il-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MJ tal-1 ta' Dicembru 2022 (Fol 14) li taqra hekk:

1. *Illi primarjament jigi sottomess illi t-talbiet promoturi ghandhom jigu michuda u dana minhabba:*

*i) Ir-rikorrent naqas milli jhallas manteniment ghall-uliedu kif obbligat illi jhallas skond il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet u prezentament hemm diversi ammonti li ghadhom pendenti;*

*ii) Iz-zieda skont l-indici tal-gholi tal-hajja fuq il-manteniment kif obbligat ihallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni ipprezentat in atti bhala Dok B qatt ma thallsu.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 17) illi l-kontendenti izzewwgu nhar is-6 ta' Mejju 2001 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Il-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Settembru 2014 fl-atti tan-Nutar Dr C Vella Zarb. Iddikjara illi l-manteniment dovut ser jibqa jghaddih lill-intimata ghan-nom tat-tfal sakemm dawn ikollhom impjieg full-time. Jiddikjara li l-access tieghu ma wliedu huwa wiehed regolari u ghandhom relazzjoni tajba flimkien. Di piu', sostna illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante illi llum il-gurnata huwa ilu erba' snin f'relazzjoni ma terza persuna.

**L-intimata xehdet** (vide fol 25) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed l-attur. Di piu' kkonfermat bil-gurament illi fil-mori tal-kawza l-attur hallas l-arretrati kollha rigward il-manteniment tal-ulied.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa***

***flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Mejju 2001, liema zwieg jgib certifikat numru 476/2001 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Charles Vella Zarb data 17 ta' Settembru 2014. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-intimata fil-mori tal-kawza u fl-affidavit taghha (Fol 25) affermat illi ma ghadx hemmx pendenzi ta' manteniment stante illi l-attur hallas l-arretrati fil-mori tal-kawza. Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-manteniment dovut sollevata mill-intimata.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 476/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**